MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Numru. 1249/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Ftis Ahmed Tarek Migrief**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 21 ta' Diċembru, 2013 kif korretti nhar it-28 ta' Diċembru 2013 fil-konfront ta` Ftis Ahmed Tarek Migrief

ta' 37 sena iben Tarek Mohamed Migrief u Fatima Mahmudi, imwieled il-Libja nhar it-8 ta' Ġunju, 1976, detentur ta' dokument maħruġ miċ-Ċentru tal-Imigrazzjoni bin-numru 85801 u residenti ġewwa ċ-ċentru ta' l-Immigranti, f'Ħal Far fejn ġie mixli talli : -

"1. f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra, ikkommettejt serq ta' passaport Malti minn gewwa vettura tat-tip Mitsibishi bin-numru tar-registrazzjoni IBI-184, ghad-detriment ta' Matthew Meli u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-20 ta' Dicembru 2013, gewwa dawn il-gzejjer, ircevejt passaport li gie trasferit lilek minn persuna ohra, liema passaport jghajjat lil certu Matthew Meli bin-numru 823091 u dan bi ksur ta' l-artikoli 3 (b) tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta
3. U aktar talli fl-20 ta' Dicembru 2013 gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtrajt jew ilqajt ghandek oggett misruq u cioe passaport Malti li jghajjat lil Matthew Meli, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indhalt biex tbieghu jew tmexxih, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

4. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru IBI-184 ta' ghamla Mitsubishi, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Matthew Meli u/jew persuna/i ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
5. U aktar talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq Ras il-Gebel, Xghajra, ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura tat-tip Fiat bin-numru tar-registrazzjoni GAM-375 ghad-detriment ta' Antonio Coniglio u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-232.94 Euro izda mhux aktar minn 2329.40 Euro, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 267, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta
6. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq Ras il-Gebel, Xghajra, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru GAM-375 ta' ghamla Fiat, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Antonio Coniglio u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
7. U aktar talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra, ikkommettejt serq ta' diversi

oggetti minn gewwa vettura tat-tip Ford bin-numru tar-registrazzjoni LCF-668 ghad-detriment ta' Angelica Busuttil u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-232.94 Euro izda mhux aktar minn 2329.40 Euro, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 267, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

8. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru LCF-668 ta' ghamla Ford, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Angelica Busuttil u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
9. U aktar talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, ikkommettejt serq ta' mazz cwievet minn gewwa vettura tat-tip Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni GMS-025 ghad-detriment ta' Clinton Pintley u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta
10. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru GMS-025 ta'

ghamla Suzuki, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Clinton Pintley u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

11. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru PIN-910 ta' ghamla Suzuki, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Antonella Pintley u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
12. U aktar talli nhar il-21 ta' Dicembru 2013, ghal habta ta' l-4:30am gewwa Triq il-Kapuccini, Zabbar ttantajt tisraq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBN-237, ghad-detriment ta' Mark Zammit u/ jew persuni ohra, liema reat huwa aggravate bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa izda liema reat ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 41(1)(a), 261, 263, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
13. U aktar talli nhar il-21 ta' Dicembru 2013, ghal habta ta' l-4:30am gewwa Triq il-Kapuccini, Zabbar, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru IBN-237 ta' ghamla Daewoo,

liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Mark Zammit u/jew persuna/I ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

14. U aktar talli nhar il-21 ta' Dicembru 2013, ghal habta ta' l-4:30am gewwa Triq il-Kapuccini, Zabbar, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru DAF-295 ta' ghamla Mitsubishi, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros u anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Carmel Buhagiar u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
15. U finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, irrendejt ruhek recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gejt misjub hati b'sentenza mghotija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori

tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuni hawn fuq indikata".

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 8 ta' Lulju 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront tal-imputat :

(a) fl-Artikoli 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(g) fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(h) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(i) fl-Artikoli 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(j) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(k) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(l) fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(m) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(n) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(o) fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(p) fl-Artikoli 17, 31, 383, 384, 385, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

u għalhekk iddeċieda li kif maħsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minn din il-Qorti u b'hekk taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li minkejja li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit, kien tenna li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, matul is-seduta tat-18 ta' Lulju 2014 l-imputat kien iddikjara li kien ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li jitnisslu minn din id-dikjarazzjoni ta' ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tagħtu żmien qasir sabiex jekk irid, jerġa lura mill-ammissjoni ta' ħtija.

Il-Qorti rat li wara li tat żmien sabiex jerġa lura mill-istess stqarrija ta' ħtija, matul l-istess seduta l-imputat reġa' tenna li huma ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat ukoll li l-Uffiċjal Prosekutur fid-dawl tal-istqarrija ta' ħtija imtennija da parti tal-imputat irrinunzja għall-produzzjoni tax-xiehda indikati in riżerva fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju mibgħuta mill-Avukat Ġenerali kif hawn fuq imsemmi.

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota tar-rinviju għall-ġudizzju

fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti b'mod sommarju u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ukoll il-verbal tagħha matul is-seduta tal-15 ta' Settembru 2014 fejn ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 Donnalise Livori, Uffiċjal tal-Probation, ħalfet u ppreżentat ir-rapport verbali tagħha fejn ikkonkludiet li l-imputat ma kienx kandidat idoneju biex jippresta servizz fil-komunita.

Rat li d-difiża għamlet talba sabiex, għall-fini ta' piena, jiġi prodott rappreżentant tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jixhed dwar jekk diġa kienx sar pjan ta' ħidma għar-rijabilitazzjoni tal-imputat fir-rigward tal-abbuż mill-alkoħol li kien jidher li huwa affett minnu l-istess imputat.

Rat li matul l-udjenza tas-6 ta' Jannar 2015 xehdu Isabelle Vella u Carmen Borg in rappreżentanza tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn ġie kkonfermat li ma kienx sar pjan ta' ħidma għall-imputat sa dak l-istadju;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ, tenut kont tal-ammissjoni inkondizzjonata da parti tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, debitament imtennija minnu, il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, piena karċerarja f'dan il-każ hija indikata pero flimkien ma ordni ta' trattament li l-imputat għandu jħares sabiex huwa jiġi mgħejjun jegħleb id-dipendenza tiegħu minn sustanzi stupefaċenti u l-alkoħol. Il-Qorti għandha raġuni soda għaliex temmen li l-imputat, mingħajr ma jkun soġġett għal kostrizzjoni, ma jirnexxielux minn jeddu li jibda u jispiċċa proċess rijabilitattiv, sakemm

ma jkunx imbuttat li jagħmel dan għal-ġid tiegħu u tas-soċjeta Maltija li qed jgħix fiha. Għalhekk flimkien mal-piena karċerarja inflitta aktar l-isfel, il-Qorti qegħda toħroġ ordni ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali sabiex l-istess imputat jiġi xprunat sabiex jegħleb id-diffikultajiet li minnhom għaddej.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċioe' fl-Artikoli 17(b)(h), 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279 u 281, 325(1)(b), 334, 383, 384, 385, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat FTIS AHMED TAREK MIGRIEF, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontih u tikkundannah għall-perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar priġunerija.

Inoltre il-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar u tirrakkomanda lid-

Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtiega lil ħati sabiex din l-ordni ta' trattament tkun tista tiġi segwita u imwetqa mill-istess ħati b'suċċess; Inoltre, l-Qorti qegħda tirrakkomanda ulterjorment lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jawtorizza lill-ħati li jibda u jkompli Programm Residenzjali għal Rijabilitazzjoni kontra d-Droga fi ħdan l-istituzzjonijiet addetti mal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin – nonche li jingħata għajnuna meħtieġa sabiex fiż-żmien li sejjer ikun fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin jiġi mgħejjun ukoll jegħleb il-vizzju tal-abbuż mill-alkoħol.

Finalment stante li matul il-kors ta' din il-kawża kien hemm esperti nominati il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż peritali kollha riżultanti minn dan il-każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**Mogħtija illum is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015).**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------